DEMONJU: *Fdan il-waqt jidħol DEMONJU u jilmaħ ix-xena. Jinfixel, ma jafx hux iktar ġeluż milli supperv. Immalajr tegħleb is-suppervja meta jara li "bniedma", kif minn għalih illi hi dik ix-XITANA, invadiet ir-renju infernali. Idur fuq LUĊIFRU u, skantat kif dana ippermetta din l-invażjoni, igħidlu bir-rabja:* PAPE SATAN, PAPE SATAN ALEPPE...

SIPARJU

---

## FRAK

*B'din li ġejja niftħu rokna f'"Il-Malti" għal "Noti Grammatikali, Filoloġiċi, Frażjoloġiċi, Idjomatiċi, Folkloristiċi", eċċ.*

### FRAŻIJIET FEJN TIDĦOL IL-KELMA "ALLA"

Alla jħares (Alla ħares). Alla jbierek! Alla ma għamlu. Mn'Alla (mnalla). K'Alla jrid (kallajrid). Alla jħarsu mill-għajn. Alla jgħinek. Alla jista' kollox. Alla jaħfirlu. Alla jagħtih il-għomor. Alla jagħtih il-ġenna. Alla jwasslu bis-sliema. J'Alla (jalla). K'Alla jamar (kallajamar). Ix-xemx u x-xita Alla jaf meta. F'ħajjet Alla. Niżżi ħajr 'l Alla. Bil-għajnuna t'Alla. Alla jħallsek. Alla fejn iridek isibek. F'ġieh Alla. Nieħdu kollox mn'idejn Alla. Minn fommok 'l Alla. Fiha l-barka t'Alla. Alla jkompli miegħu. Alla jibgħathielu tajba. Alla jseddaqhulek. Il-paċi t'Alla magħkom. Ħudha għal Alla. Alla jagħtik is-sabar.

A. C.



# Reċensjonijiet

**"SIDTNA MARIJA TAL-GĦAR** ta' P. Pawl G. Galea, O.P., S.Th.Lec. & Lic. — Stamperija Giov. Muscat, Malta, 1949; paġ. 148.

Lil Patri Pawl Galea ħafna jafuh bħala studjuż tal-kwistjonijiet soċjali billi ta' sikwit jikteb fuq il-problemi soċjali u l-kotba tiegħu jinqraw b'fejda kbira minn kull min jinteressa ruħu fuq r-rabta ta' bejn il-ħaddiem u min iħaddem; iżda mhux wisq jafu li Patri Pawl hu wkoll awtorità fuq l-istorja, u jitqies bħala storjografu ta' l-Ordni Dumnikan f'Malta; il-publikazzjonijiet tiegħu bil-Malti u bl-ilsna barranin fuq l-istorja ta' Malta u ta' l-Ordni Dumnikan, jingħażlu għas-serjetà, għall-verità u għall-intelliġenza li bihom l-awtur jittratta fuq is-suġġetti storiċi.

Issa Patri Galea ħareġ dan il-ktieb fuq l-istorja tas-Santwarju ta' Sidtna Marija tal Għar, wieħed mis-santwarji l-aktar għeżież ta' Malta, u ġieħ u żina ta' l-Ordni Dumnikan.

Is-Santwarju tal-Għar hu wieħed mill-eqdem li għandna f'Malta u l-bidu tiegħu jintilef fil-leġġenda — leġġenda taż-żmenijiet imbiegħda, u nltaqgħu ma' oħrajn bħalha fost bosta ġnus, i.e. is-Seba' Dormjenti, Rip Van Winkle, Sleeping Princess.

L-awtur jiddeskrivi fil-wisa' s Santwarju tal-Għar, il-knisja ta' fuqu u jagħti l-istorja ta' kull kappella tagħha, u l-kunvent. Hu ma jagħtix ismijiet u dati biss, iżda jsemmi l-ġrajja li kellhom x'jaqsmu magħhom. Ħafna minn dawn il-ġrajja huma magħrufin fl-istorja ta' pajjiżna, e.g. il-miġja tat-Torok u tal-Franċiżi, il Pesta tal-1813; oħrajn ftit nafu bihom għalkemm huma interessanti ħafna wkoll bħalma hi dik tan-Nobbli Girgor Xerri, Ħakem ta' l-Imdina u Kaptan tal-Virga li f'dagħdiegħa ta' demm qatel liż-żewġ uliedu waqt li kienu miġbura mal-mejda.

Interessanti wkoll hi l-istorja tal-kunvent ma' tul iż-żmenijiet, u hawn stennejna li l-awtur meta semma din l-aħħar gwerra li għaddiet, isemmi wkoll il-fatt li għal xi żmien il-kunvent kien magħżul mill-Awtoritajiet Militari biex jinżammu fih l-qassisin internati. Osservazzjoni oħra ta' min isemmiha: fil-lista tal-Pirjoli jidher li fl-1555 kien Pirjol il-P. Tumas Bartolo li ismu baqa' jidher perjodikament fost il-Pirjoli sal-1602. Jekk dan kien l-istess bniedem naħseb li għamel *record* fost il-mexxejja tal-kunvent. Dawn huma żewġ irqaqat li ma jnaqqsu xejn mis-siwi tal-ktieb li madankollu miktub tajjeb ħafna u msejjes fuq noti u riferenzi ta' min joħbot fuqhom.

Kull min jiddiletta bl-istorja ekklesjastika jew ta' pajjiżna jmissu jixtri kopja bla telf ta' żmien.

G.

**IL-WALTZ TAD-DELLIJIET** ta' Ġorġ Pisani. — Lux Press, 1949.

Fi studju li ktibt daqs ħames snin ilu dwar is-Sunett Malti, kont fissirt l-ideja illi "sunetti bil-Malti, tajbin għal kollox ngħodduhom fuq is-swaba' ta' id waħda. Ma jfissirx li ma għandniex għadd mhux ħażin ta'